MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2006

Numru 183/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Floyd Attard**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 400284(m), akkuzat illi:
1. fil-perjodu ta' bejn it-18 u d-19 ta' Frar 2006 fi Triq San Annard, Tarxien, ikkommetta serq ta' vettura ta' l-ghamla Daihatsu Charade bin-numru ta' registrazzjoni BAU129, liema reat ta' serq huwa kwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitt lira, izda ma jeccedix l-elf lira maltin, u bix-xorta tal-haga misruqa u dang had-dannu ta' Walter Gambin;

2. f’xi jum matul il-perjodu ta’ l-ewwel gimgha ta’ Frar 2006, fi Triq il-Mina ta’ Hompesch, Zabbar, ikkommetta serq ta’ mobile phone ta’ l-ghamla Nokia 3310 minn go vettura ta’ l-ghamla Hillman Imp, liema reat ta’ serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u li sarghad-dannu ta’ persuna mhux maghrufa;
3. li sar recidiv ai termini ta’ l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenzi moghtija mill-Qorti ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
4. ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-1 ta’ Marzu 2004;
5. ukoll talli kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu b’zewg sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta skond il-provvedimenti tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-htija tal-imputat ghar-reati migjuba kontra tieghu f’dawn il-proceduri tirrisulta bla ebda ombra ta’ dubbju kif jixhdu l-fatti pruvati u l-istqarrija minnu rilaxxjata volontarjament u mhux retattata. L-imputat qieghed f’dawn il-proceduri jirrispondi ghar-reati ta’ serq li huwa ikkommetta fiz-zewg okkazzjonijiet li tirreferi ghalihom l-akkuza. Huwa addizjonalment akkuzat li hu recidiv u li ikkommetta r-reati odjerni fil-kors ta’ perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza u ta’ perjodu ta’ probation u liberazzjoni taht kondizzjoni.

Issa s-sentenzi li gew esebiti f’dawn l-atti huma fin-numru ta’ tlieta izda huma biss tnejn minnhom li jirrisultaw konfermati. Dawn jittrattaw is-sentenza tal-1 ta’ Marzu 2004 (folio 28) li ipprefiggiet sentenza sospiza u dik

rigward l-liberazzjoni ghaz-zmien tlett snin (folio 24). Ghalhekk fir-rigward s-sejbien ta’ htija ghar-reati ta’ serq prezentement akkuzat bihom din il-Qorti ser titratta mal-imputat bhala recidiv u li ikkommetta r-reati odjerni matul perjodu ta’ liberazzjoni ghal tlett snin oltre li gew kommessi f’perjodu sospiz ta’ sentenza sospiza.

Illi hi l-fehma ta’ din il-Qorti li l-imputat inghata bizzejjed opportunitajiet sabiex jgharaf jwarrab id-dipendenza fuq id-droga. Dan palesament m’ghamlux. Lanqas mhi il-Qorti tirriavvisa xi elementi jew fatturi fir-rapport redatt u ppresentat mill-ufficjal tal-probation nominata li tista’ jew iggghalha tapplika piena in alternattiva ghal dik karcerarja.

Inghad dan ghalhekk qeghdha issib l-imputat hati tal-akkuzi kontrih dedotti fl-ewwel u t-tieni kap, wkoll li hu recidiv skond it-tielet, idem tar-raba, waqt li fir-rigward il-hames kap issibu hati li ikkommetta ir-reati f’perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni b’hekk li kiser il-kundizzjoni imposta fuqu ai termini ta’ dik is-sentenza.

Rat ghal fini ta’ piena l-Artikolu 261(c)(g), 267, 271(g), 279(a), 280(1), 17,18, 49, 50 u 31 tal-Kap 9 u tiddecidi li tikkundannah disa xhur prigunerija ghar-reati lilu addebitati fl-ewwel u fit-tieni paragrafu bin-nuqqas ta’ zmien li gja ghamel taht arrest preventiv. Tordna fil-konfront tal-ahhar zewg akkuzi, fit-termini hawn fuq imfissra u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u l-Artikolu 28B tac-citat Kap 9 li s-sentenza sospiza ta’ sentejn prigunerija tibda fis-sehh.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------